**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 22/K7/13

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 21/11/'13** **305**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 21/11/'13** **360**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 19/11/'13** **19**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm id-dsatax-il Laqgħa Pubblika, skont kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.00p.m.

1.03 Preżenti: Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsillier John Agius

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech
L-iskrivan Carlo D'Amico

1.04 Skużati: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Rita Portelli Dimech

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- Erbgħa (4).

1.06 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ppresieda l-laqgħa.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-15 ta' Novembru 2013. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2013 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2014 (Budget/Business Plan).

2. Ilmenti / Suġġerimenti.

1.2.02 Iċ-Ċermen ta' merħba lir-residenti li kienu preżenti u għarrafhom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

## 1.3 Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2013 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2014 (Budget/Business Plan).

1.3.01 Iċ-Ċermen qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2013 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2014 (Budget/Business Plan) – Ara Appendiċi 'A'.

## 2 Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn l-ilmenti:-

a) Ġie ssuġġerit li meta tingħata t-tilqima ġewwa l-Kunsill Lokali, jkun hemm persuna li tgħin lin-Nurse sabiex ikun hemm aktar effiċjenza. Is-Sur Joe Curmi, offra li jekk l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, jkun jista joffri l-għajnuna tiegħu dejjem bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

b) Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq San Mark l-iskart qed jinġabar qabel it-tmienja ta' filgħodu filwaqt li mhux qed ikun hemm kennies fl-imsemmija triq.

c) Ilment ieħor dwar l-iskart fi Triq San Mark kien minħabba li r-residenti ta' "The Podium" qed joħorġu l-iskart fil-ħinijiet wara li jkun diġa għadda l-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart u dan qed jitpoġġa wara l-bibien tar-residenti fi Triq San Mark. Intalab li ssir aktar solveljanza biex jinqata' dan l-abbuż.

d) Resident ta' Spinola Court fi Triq Dragonara lmenta minħabba li r-residenti ta' Triq Dragonara u l-inħawi m'għandhomx aċċess bil-vettura għar-residenza tagħhom għalhekk talab li ssir tabella li tgħid 'no entry except for

residence’ taħt it-tabella tan-‘no entry’ li hemm fi Triq Dragonara.

**3.** Iċ-Ċermen irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-7.20p.m.

| | |
|---|---|
| **Charles Camenzuli** | **Helen Walker** |
| **Viċi-Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |